MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-4 ta' April, 2013

Rikors Numru. 579/2012

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippreżentat mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi A B u C B izzewgu nhar id-9 ta' Gunju 1990 u huma legalment separati permezz t a' kuntratt datat 15 ta' Dicembru 2003, fl-atti tan-Nutar Dr. Nicholas Vella (vide Dok A hawn anness);
2. Illi minn dan iż-żwieġ twieldu tlett (3) itfal, X, li huwa maggorenni, J u N li ghadhom minuri;

3. Illi l-A u C B jissodisfaw il-kriterji mposti mill-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan billi:

1. ilhom separati *de* facto ghal aktar minn 4 snin u diga` ottjenew separazzjoni legali bejniethom;
2. ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;
3. il-manteniment ricevut mill-esponenti mara u mill-ulied minuri huwa wiehed adegwat hekk kif konkordat bejniethom fl-att ta’ separazzjoni fuq msemmi.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

(1) Tordna illi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet B nhar id-9 ta’ Gunju 1990 jigi mahlul, (2) tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien iffissat minn din l-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku, u dan taht kull provvediment iehor meqjus xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-20 ta’ Novembru, 2012;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-15 ta’ Dicembru 2003 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda manteniment dovut minnu lill-intimata jew lill-ulied minuri;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tordna il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------